MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 120/2015

**Anca Holdings Company Limited**

**(C 9767)**

**vs**

**Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' April 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-awtorita' konvenuta

thallasha s-somma ta' tlett elef, sebgha mija u tmienja u hamsin Euro u tletin centezmu (€3,758.30) rapprezentanti servizzi rezi u materjal provdut kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Frar 2015 u bl-imghax mis-27 ta' Marzu 2014 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-awtorita' intimata li hija ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati fit 22 ta' April 2015 lill-korporazzjoni intimata u lill-Avukat Generali fit 23 ta' April 2015.

Illi fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju 2015 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-awtorita' konvenuta (fol 7).

Semghet ix-xhieda ta' Clive Demicoli, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, moghtija fl-4 ta' Gunju 2015.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2015, rappresentant ta' l-Awtorita' konvenuta ippresenta nota ta' ammissjoni in vista tax-xhieda moghtija.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet ix-xhieda u rat in-nota ta' ammissjoni issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, sebgha mija u tmienja u hamsin Euro u tletin centezmu (€3,758.30) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-Awtorita' konvenuta kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------